# O Ġesù ta' l-Akbar Ħniena

    Dm             Gm  C
O Ġesù tal-akbar ħniena,
      Bb           Dm
Isma' talbi, kun ħanin;
          Dm           Gm  C
B'sogħba kbira qalbi mnikkta
         Bb            Dm
Għal dnubieti wisq kefrin.

         F             C
*Ħenn għalija, ħenn għalija,*
    Dm                (F  C)
*O Ġesù, żgur qatt ma nżid;*
Dm                    Gm   C
*Iżda nħobbok b'qalbi kollha*
      Bb            Dm
*Ħajti kollha jiena rrid.*

Twissijietek kollha mħabba,
B'baħar dija ta' kull ġid,
Taħt riġlejja rfist bħal kieku
Ma kontx tiegħi Int is-sid. ***Rit:***

Lilek, għajn tal-hena kollha,
Sid ta' kollox, jien warrabt.
Biex jaħasra biss il-frugħa
Flok tjubitek jien ġarrabt. ***Rit:***

Alla tiegħi jien sammartek
B'qalb wisq kiefra ma' salib,
Waqt li Inti bqajt iżżommni
F'qalbek b'għożża ta' ħabib. ***Rit:***